TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru. 7/77

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Anna Pisani
u
Messrs. Jodic Limited.

Chairman : G.A. Craig

Data : 16 ta' Dicembru 1977

Fit-2 ta' Dicembru 1977, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura irriferiet lil dan it-Tribunal l-allegazzjoni tas-Sinjorina Anna Pisani li hija giet imkeccija ngustament mill-impieg taghha mad-ditta Jodic Limited ta' Kordin Industrial Estate, Paola.

2. Biex jisma'u jiddeciedi dan il-kaz, it-Tribunal zamm tlett seduti li fihom is-Sinjorina Anna Pisani kienet assistita mis-Sur Victor Pirotta u d-ditta Jodic Limited kienet rapprezentata mis-Sur C.L. Farrugia, Direttur ta' l-istess ditta assistit mis-Sinjura A. Vella, Personnel Manager, Fl-ewwel seduta nstemghu bhala xhieda, Alfred Pandolfino, is-Sinjura A. Vella, Joseph Galea, Miss Doris Caruana, Miss Doriette Caruana, C.L. Farrugia, Vincent Gatt u Alfred Azzopardi prodotti mill-appellant u l-appellant stess Miss Anna Pisani. Id-ditta ma'pproduciet ebda xhieda.

3. Waqt li l-appellant sostna li t-tkeccija mill-impieg taghha kienet 'ingusta' id-ditta fl-ittra tat-tkeccija lill-appellant li ggib id-data tas-26 t'Ottubru 1977, infurmatha hekk:

"Id-direttur tal-Kumpanija diga lilek wissik li r-relazzjoni specjali tieghek ma Mr Alfred Pandolfino tista' tkun ta' 'Security Risk' u tak parir li din ghandha tispicca.

/.....

Inti ppreferejt li tkompli u ghalhekk ma hallejtilniex ghazla ohra hlief li nitterminawlek l-impieg mal-kumpanija sa minn ghada stess, 27 t'Ottubru 1977. Dan ahna qed naghmluh kontra qalbna, izda c-cirkostanzi specjali tal-fabbrika taghna ma jippermettulniex li niehdu dan ir-riskju."

4. It-Tribunal ghalhekk kellu jifli u jara:

a) jekk hux tassew li kien hemm xi bzonn ta' 'security' kbira fil-fabbrika u jekk dan minnhu, ir-relazzjonijiet ta' l-appellant kienux hekk specjali li jikkostitwixxu 'security risk',

b) jekk kienetx din raguni gusta u sufficjenti li tiggustifika tkeccija.

5. Is-Sur Alfred Pandolfino kien impjegat mal-istess ditta bhala 'Production Manager' u spicca mill-impieg fil-5 t'Ottubru 1977. Kien is-Sur Alfred Pandolfino li ghazel lill-appellant bhala "controller" u hadmet ghaz-zmien kollu mieghu. Mix-xhieda jirrizulta li hi wara li spicca s-Sur Pandolfino baqghet tmur tarah id-dar u li hi kienet habiba tal-familja tieghu, li wara li spicca minn mad-ditta Jodic kien qed jahseb biex jarma ghal rasu. Id-ditta sostniet li kien ghalhekk li xtaqet li l-appellant taqta' r-relazzjonijiet 'specjali' mieghu jigifieri li tmur id-dar tieghu, ecc.

6. Id-ditta Jodic tixtri d-djamanti "rough" u tahdimhom. Fabbrika ta' din ix-xorta ta' bilfors ikun hemm bzonn ta' 'security' ghax djamant huwa haga zghira izda li jiswa l-flus. Barra minn dan, irrizulta mix-xhieda li l-fabbrika kellha magni u affarijiet ohra li kienu sigrieti. Dawn ukoll kienu raguni izjed li s-"security" kellha tkun izjed kbira minn ta' fabbrika ordinarja. Deher car mix-xhieda li s-'security' kien hemm bzonnha mhux biss ghas-serq, izda anki biex jitnaqqas ir-riskju ta' 'industrial espionage' li jista' jgib hsara serja ghall-fabbrika.

/.....

7. Il-fabbrika bdiet tikkunsidra s-Sur Alfred Pandolfino bhala kompetitur. Kien ghalhekk li d-Direttur kien sejjah lill-appellant quddiem il-Personnel Officer u taha l-ghazla bejn il-hbiberija li kellha mas-Sur Alfred Pandolfino jew il-post li kellha mal-fabbrika u skond ix-xhieda tal-appellant stess, "Qalli'ahseb ara x'taghmel"u jien qbadt u tlaqt il-barra u ma tkellimt xejn,"u meta, pero' s-Sur C.L. Farrugia fil-kontro-ezami staqsieha "issa int x'tixtieq il-job tieghek jew inkella habiba tas-Sur Pandolfino?" hi wiegbet "it-tnejn."

8. Ripetutament id-Direttur tal-Kumpanija accerta lit-Tribunal li l-appellant ma tkeccietx imhabba inefficjenza jew fuq xi kondotta hazina fil-fabbrika izda biss ghax il-fabbrika mhabba in-natura tax-xoghol li tipproduci kellha ta' bil-fors tevita l-possibiltajiet kollha ta' riskju.

9. It-Tribunal ha in konsiderazzjoni dak kollu li rrizulta mill-provi u dak li ssottomettew il-partijiet.

10. It-Tribunal huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz, il-fabbrika kellha ragunijiet validi li tiehu kull azzjoni biex tizgura kemm jista' jkun li hadd mill-impjegati jew mill-Management ma jkollu l-possibilta' li jkun ta' "security risk' u dan kien dmir serju tad-Diretturi ghax inkella kienu jkunu jonqsu minn dmirijiethom.

11. It-Tribunal kellu jizen jekk 'security risk' kienetx raguni valida u sufficjenti li twassal ghal tkeccija specjalment jekk din kienet biss possibilta'. Dan ma kienx facli anzi difficli kieku id-ditta ma tatx lill-appellant l-ghazla bejn il-hbiberija ma' min id-ditta kellha ragunijiet validi li tikkunsidrah konkorrent u 'persona non grata' u l-post li kienet tokkupa. Ghal din l-offerta l-appellant ma wegbitx.

/.....

12. Award

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol bejn iz-zewg partijiet.

(G.A. CRAIG)
Chairman

(S. GRECH)
Segretarju

em